# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-tlieta, 22 ta' Marzu, 2022**

**Numru**

**Rikors Numru 104/2020**

**Joseph Emanuel Galea** karta tal-Identita Numru (31182M) f'ismu personalment u għan-nom u rappreżentanza tas-Soċjeta' freeways Loġistics Limited (C47875) bl-indirizz tal-uffiċċju reġistrat "Silvestru", Triq il-Qammieħ, Mellieħa u l-istess Soċjeta Freeways Logistics Limited (C47875) bl-indirizz tal-uffiċċju reġistrat "Silvestru",Triq il-Qammieħ, Mellieħa.

**vs**

**1) Il-Ministru tal-finanzi, u**
**2) Direttur Ġenerali, Dipartiment tad-Dwana, u**
**3) Ministeru għat-Transport, Infrastruttura u l-Proġett Kapitali, u**
**4).L-Awtorita' għat-Transport f'Malta, u**
**5).Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għat-Transport, Infrastruttura u l-Proġett Kapitali.**
**6).L-Avukat tal-Istat Pjazza San Ġorg, Il-Belt Valletta.**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors ta' Joseph Emanuel Galea fil-kawlita' premessa (ir-rikorrent) tat-18 ta' Gunju 2020 li permezz tiegħu Ippremetta u talab is-segwenti:

> 1 "Illi r-rikorrenti ilu jopera bħala burdnar (hauler) bil-vetturi tiegħu permezz tas Socjeta' Freeways Logistics Ltd bir-reġistrazzjoni: C 47875 lilu apartenenti, billi

jiġġestixxi negozju għall-ġarr ta merkanzija prinċipalment mill-Ewropa għat territorju ta Malta, Community Status (Status C);

2. Illi kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża, ir-rikorrenti kien u għadu jgawdi minn liċenzja nazzjonali u internazzjonali ta' burdnar (haulier), a tenur ta' (EC) Regolament Numru: 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Ewropew tal 21 t'Ottubru, 2009 liema Regolament jipprovdi għall-aċċess tat-trasport b'kera jew b'kumpens fit-territorju kommunitarju inkluż it-territorju ta' Malta, u dan oltre li jgawdi liċenzja ta' burdnar (hauler) maħruġa mill-Awtorita tat-Trasport f'Malta;

3. Illi r-rikorrenti noe ġie miżmum ċirka sitt (6) snin ilu, preċiżament fis-17 t'April, 2014 milli jkompli jopera ta' burdnar (haulier) fil-portijiet ta'Malta mid-Dipartiment tad-Dwana u dan b'aġir abbusiv peress li l-Awtorita għat-Trasport f'Malta ma pprovditx in-number plates bl-ittri HQ li jiddentifikaw il-vetturi għall-ġarr ta'merkanzija b'kiri jew b'kumpens skont il-Liġi Sussidjarja Numru: 368.02 intitolata Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations u dan nuncio li l-mittenti noe kien jistenna li n-number plates HQ kellhom jinħarġu skont il-liġi mal-vetturi għax-xogħol ta' trasport kif normalment isir u għandu jsir;

4. Illi r-rikorrenti għadu sal-lum mingħajr ebda raġuni valida u aċċettabli għalfejn l- Awtorita għat-Trasport f'Malta ma pprovidtx in-number plates bl-ittri HQ skont il liġi ħlief dik mogħtija verbalment lir-rikorrenti mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta u ċioe' li trid tkun rispettata l-użanza u mhux il-liġi, ossia' l-konswetudini u dan immaterjalment x'tikkontempla l-liġi dwar l-istess;

5. Illi r-rikorrenti noe b'kommunikazzjoni diretta mas-sezzjoni responsabbli mit Trasport tal-Art fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea, kien ġie gwidat bil-mod segwenti: "Under Regulation (EC) No 1072/2009, hauliers who are in possession of a Community License are entitled to carry out international transport between Member States without restrictions.

The Community License or a certified copy thereof must be carried on board the vehicle. If the driver is a third country national, they must also carry a driver attestation. Therefore, a road haulage undertaking with a valid Community License and meeting all the conditions above at the time of the check, should be free to carry out international transport between Italy and Malta without the need for an addtional license." kif ukoll, "To our knowledge, the Maltese Legislation does not require a 'customs permit' for a haulier if he is on an international journey with one vehicle or a coupled combination of vehicles,"

6. Illi fil-fehma tar-rikorrenti t-twaqqif liu milli jkompli jopera ta' burdnar (haulier) mid-Dipartiment tad-Dwana huwa għal kollox arbitrarju, illegali u abbużiv aktar u aktar meta l-Awtorita għat-Trasport Malta temmen u tiddikjara bil-miftuh li s-suq tat-trasport fit-territorju ta' Malta huwa addirittura ħieles skont il-prinċipji tal kompetizzjoni gusta;

7. Ir-rikorrenti noe jemmen li n-nuqqas ta'deċiżjoni mill-Awtorita għat-Trasport biex jinħarġu in-number plates bl-ittri HQ huwa aġir bi ksur lampanti tad-drittijict tiegħu partikolarment b'aġir abbużiv tal-Awtorita għat-Trasport f'Malta li mingħajr ma tat deċiżjoni lir-rikorrenti, iddeċidiet li ma tiddeċidix;

8. Illi di piu' konsegwenza tan-nuqqas il-konvenuti jew min minnhom, ir-rikorrenti noe'spiċċa jbati kommerċjalment u finanzjarament tant li kellu jieqaf milli

jiġġestixxi n-negozju tiegħu surreferiet, għal liema nuqqas il- konvenuti kienu formalment mitluba biex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni iżda l-konvenuti baqgħu inadempjenti;

9. Illi r-rikorrenti jaf personalment b'dawn il-fatti;

10. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, previa kull provediment jew dikjarazzjoni opportuna:

(1) tiddeċidi u tiddikjara illi minħabba l-aġir abbużiv tal-konvenuti jew min minnhom, ir-rikorrenti ġarrab lezjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu kif tutelati mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 1 ta'l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja, kif ukoll mill-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni Ewropeja;

(2) Tagħti dawk l-ordnijiet, provvedimenti u dikjarazzjonijiet kollha opportuni sabiex ir-rikorrenti jingħata rimedju xieraq u adegwat għall-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali mġarrbin minnu, inkluż kumpens għall-ħsarat pekunjarji u non pekunjarji mġarrbin mir-rikorrenti".

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, li huma lkoll minn issa nġunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-Awtorita' Għat-Trasport Malta (l-Awtorita' intimata) tad-29 tal-Lulju 2020 li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:

1. "Illi, preliminarjament, in-nullita' tar-rikors promotur stante illi l-okkju tal-istess rikors ma jaqbilx u jikkuntrasta ma' min qed jiġi dikjarat illi ppreżentat, u dan stante illi fl-okkju jissemma' biss ir-rikorrent Joseph Emanuel Galea filwaqt li mbagħad ġie dikjarat illi l-istess Joseph Emanuel Galea qed jippreżenta dan ir rikors kostituzzjonali kemm f'ismu personalment u kif ukoll għan-nom tas-socjeta' 'Freeways Logistic Limited' (C-47875) a differenza ta' dak indikat fl-okkju tar-rikors promotur.

2. Illi, preliminarjament ukoll, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, in-nullita' tar rikors promotur stante illi ġie intavolat f'isem soċjeta' kummerċjali- 'Freeways Logistic Limited'' - li ma teżistix, għalkemm teżisti s-soċjeta' 'Freeways Logistics Limited.

3. Illi, preliminarjament ukoll, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, in-nullita' tar- rikors promotur stante illi r-rikors promotur, jekk qed jiġi ppreżentat ukoll mis-socjeta' Freeways Logistics Limited', u ċioe' soċjeta' li għandha personalita' ġuridika distinta, kellu jiġi ppreżentat minn din is-soċjeta' nnifisha u mhux minn direttur tagħha għan-nom tagħha, u dan a tenur tal-artikolu 181A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Illi, preliminarjament ukoll, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, in-nullita' tar- rikors promotur stante illi ġie intavolat kontra ''l-Awtorita' tat-Trasport'' meta ma teżisti ebda entita' b'dak l-isem iżda teżisti l-Awtorita' għat-Trasport Malta kostitwita bil-Kapitolu 499 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Illi, preliminarjament ukoll, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, in-nullita' tar- rikors promotur stante illi ġie intavolat kontra ''l-Ministeru tat-Trasport u tal-

Infrastruttura u tal-Proġetti" meta ma jeżisti ebda Ministeru b'dak l-isem iżda jeżisti l-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali.

6. IIli, preliminarjament ukoll, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, in-nullita' tar- rikors promotur stante illi ġie intavolat u ppreżentat kontra Minsiteru tal-Finanzi u Ministeru tat-Trasport u tal-Infrastruttura u tal-Proġetti' meta 'Ministeru m'għandu ebda personalita' ġuridika u a tenur tal-artikolu 181 tal-Kap. 12 tal Liġijiet ta' Malta kellhom jiġu ċitati in ġudizzju il-Ministru tal-Finanzi u mhux il-Ministeru tal-Finanzi u I-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali u mhux il-Ministeru tat-Trasport u tal-infrastruttura u tal-Proġetti.

7. IIli, preliminarjament ukoll, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat tal-istat mhuwiex legittimu kontradittur f'din il-vertenza in kwantu ma jweġibx, la direttament u lanqas indirettament għall-allegazzjonijiet u għall-pretensjonijiet tar-rikorrent u għalhekk għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju.

8. Illi wkoll, I-Awtorita' intimata teċċepixxi, in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, illi r-rikorrent ma eżawrewx ir-rimedji ordinarji ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan stante illi l-istess rikorrent la ressaq appell mid-deċiżjoni tal-Awtorita'' rispondenti relattiva għall-ħruġ tal-'HQ' registration plates quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kap. 499 tal-Liġijiet ta' Malta u lanqas proċeduri biex jiġi mistħarreġ l-egħmil amministrattiv tal-Awtorita' rispondenti a tenur tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

9. Illi di fatti huwa bil-wisq pależ it-tentattiv da parti tar-rikorrent biex jgħaddi mit-tieqa una volta li huwa naqas jew nesa jgħaddi mill-bieb stante illi r-rimedji ordinarji li huwa seta' jirrikorri għalihom illum m'għadhomx iżjed a disposizzjoni tiegħi minħabba illi naqas milli jirrikorri għalihom tempestivament u entro t termini stabbiliti mil-liġi, u għalhekk minflok qiegħed jintenta li jikseb ir-rimedju li kien messu mexxa bi proċeduri ordinarji għall-kisba tiegħu permezz ta' dawn il proċeduri ta' indoli kostituzzjonali illi kjarament mhumiex flokhom u mhumiex. legalment tenibbli.

10. Illi, oltre dan, jiġi sottolineat illi dak imtenni mir-rikorrent fir-rikors promotur li permezz tiegħu huwa istitwixxa dawn il-proċeduri fis-sens illi huwa jiddetjeni liċenzja ta operatur maħruġa skond ir-Regolament EU1072/2009 huwa fattwalment skorrett għaliex il-liċenzji li kien hekk jiddetjeni r-rikorrent ilha skaduta mit-2 ta' Novembru tas-sena 2014.

11. Illi, subordinatament u assolutament mingħajr preġudizzju għas-suepost, allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors promotur huma Ikoll infondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li ġew u/jew qed jiġu leżi da parti tal-Awtorita' rispondenti d-drittijiet fundamentalil tar-rikorrent kif protetti mill Kostituzzjoni u l-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta kif qed jiġi minnu allegat, u dan stante wkoll ili, irrispettivament mill-kwistjoni tal-ħruġ o meno tal-HQ registration plates, ir-rikorrent ma setax jaħdem bħala burdnar mingħajr permess tal-Kontrollur tad-Dwana u dan għar-raġunijiet segwenti:

(a) ai termini ta' Regolament EU 1027/2009, persuna tinħarġilha liċenzja għat-trasport ta' merkanzija bit-triq b'kera jew kumpens fl-ambitu tal-istess Regolament skond id-definizzjoni kif stipulata fl-Artikolu 2 u ċioe' għall-access

għas-suq internazzjonali minn pajjiż għal ieħor fit-territorju kommunitarju tat-trasport bit-triq tal-merkanzija, li huwa ben divers minn xogħol li jinvolvi l-irrilaxxjar tal-merkanzija għall-fini tal-liġijiet doganali; anali:

(b) l-artikolu 3 tal-Kap. 203 tal-Liġijiet ta' Malta jitipula espressament illi "hadd ma jista' jaghmilha ta' burdnar ħlief b'permess tad-Dwana" u għalhekk huwa minħabba n-nuqqas tal-permess tad-Dwana illi r-rikorrent ma setax jopera bħala burdnar u f'dan ir-rigward jiġi sottolineat in oltre illi:

(i) id-definizzjoni ta' "transport" fl-artikolu 2 tal-Kap. 203 tal-Liġijiet ta' Malta tistipula b'mod ċar illi trasport' ma jinkludix iċ-ċaqliq ta' merkanzija minn xi tinda tad-Dwana, maħżen tad-depozt, depozt, veranda, moll jew post ieħor ta depozt f'port għal xi post ieħor bħal dawn u l-ġarr ta' merkanzija bil-baħar, u għalhekk anke għal din ir-raġuni kwalunkwe liċenzja maħruġa al termini tar-Regolament EU 1072/2009 ma japplikax għat-trasport fiż-żoni taħt il-kontroll tad Dwana; u

(ii) il-Kummissjoni Ewropea kienet, fit-trattivi ma' Malta qabel is-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, aċettat li s-sistema ta' permessi maħruġa mid-Dwana għal xogħol ta' burdnar mhijiex kwistjoni ta' 'market access' iżda sempliċement tikkonċerna 'security-pass arrangements to restricted port areas'

u għaldaqstant irrispettivament mill-ħruġ o meno tal-HQ registration plates ir-rikorrent ma kienx se jkollu ebda jedd u opportunita' li jopera bħala burdnar mingħajr il-permess tad-Dwana.

12. Illi għal dawn il-motivi kollha t-talbiet tar-rikorrent huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

13. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.”

Rat it-tweġiba tal-intimati l-oħra kollha ( l-intimati Awtoritajiet ) li permezz ta’

risposta tat-3 ta’ Awwissu 2020 wieġbu is-segwenti:

1.” Illi qabel xejn, ir-rikorrent ma jagħti l-ebda raġuni fir-rikors tiegħu għaliex huwa ħass li kellu jħarrek f'din il-kawża lill-Ministeru għall-Finanzi u s Servizzi Finanzjarji, lill-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, lis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali u lill-Avukat tal-Istat. Fir-rikors tiegħu huwa jilmenta biss mill-fatt li skont hu l-Awtorità għat-Trasport f'Malta u d-Direttur Generali (Dwana) čaħduh illegalment milli jħalluh ikompli jopera ta' burdnar (haulier) u li joħorġulu pjanci bl-ittri HQ;

Jekk dan huwa l-ilment tar-rikorrent allura l-intimati l-oħra għajr l-Awtorità għat-Trasport fMalta u d-Direttur Generali (Dwana), għandhom jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju:

2.Illi in limine litis ukoll, jekk kif qed jgħid ir-rikorrent, huwa jgawdi minn xi liċenzja nazzjonali u internazzjonali u b'hekk ma tħallix jaħdem bħala burdnar (haulier) b'mod arbitrarju, illegali u abbużiv, allura r-rimedju li kellu juża r-rikorrenti huwa li jressaq kawża ordinarja kontra l-Awtorità għat-Trasport f'Malta u d-Direttur Generali (Dwana) sabiex il-Qorti tordnalhom illi jirrikonoxxu dik il-liċenzja li huwa

qed jgħid illi għandu skont il-liġi u li għalhekk tikkundannahom iħallsuh id-danni talli huma naqsu milli jtuh dak l għarfien,

Min-naħa l-oħra jekk ir-rikorrenti qiegħed jattakka deċiżjonijiet amministrattivi meħuda mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta u d-Direttur Generali (Dwana) talli rifjutawlu milli joħorġulu l-pjanċi bl-ittri HQ, allura huwa messu nieda azzjoni taħt l-**artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** biex iħassar dawk id-deċiżjonijiet amministrattivi, jekk huwa tassew minnu dak li qed jgħid ir-rikorrent li dawk id-deċiżjonijiet ittieħdu b'mod arbitrarju, abbużiv u bi ksur tal-liġi;

Huwa evidenti li t-tilwima li r-rikorrent għandu ma' xi wħud mill-intimati mhijiex waħda ta' sura kostituzzjonali iżda hija waħda ta' għamla amministrattiva, viz. jekk huwa tabilħaqq għandux liċenzja ta burdnar (haulier) u jekk huwa għandux jedd li jinħarġulu pjanci bl-ittri HQ:

Billi għalhekk ir-rikorrent kellu fidejh rimedji ordinarji biex jindirizzaw l-ilmenti tiegħu, huwa l-każ li din l-Onorabbli Qorti toqgħod lura milli tingeda bis-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha skont **l-artikolu 46(2) tal Kostituzzjoni** u l-proviso tal-**artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3.Illi hemm minn dan, b'rabta mal-ewwel talba tar-rikorrent, l-esponenti jibdew billi jwieġbu li r-rikorrent ma jistax jinvoka l**-artikolu 37 tal Kostituzzjoni ta' Malta**. Dan minħabba li skont l-**artikolu 37(2)(f) tal Kostituzzjoni**, ebda ħaġa f'dan l-artikolu m'għandha tinftiehem li tolqot l-għemil jew ħdim ta' xi liġi safejn din tkun tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà, li tkun inċidentali għal-liċenzja;

4. Illi anke kieku stess, l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta xorta waħda mhuwiex applikabbli peress li ħadd mill-intimati ma ħa l-pussess ta' xi proprjetà li hija tar-rikorrent;

5.Illi hekk ukoll ma tistax tirnexxi l-azzjoni tar-rikorrent kif imsejsa fuq l-artikolu 1 tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ġaladarba ebda wieħed mill-intimati ma fixkel lir-rikorrent mit-tgawdija ta' ħwejġu;

6. Illi minbarra dan, huwa ċar li l-jedd tal-proprjetà ma jeżistix u allura ma jkunx jista' jiġi miksur jekk il-persuni, f'dan il-każ ir-rikorrent, ma jipprovax li huwa għandu jew kellu, fil-mument tal-allegata vjolazzjoni, il-possediment li qiegħed jallega li ġie miċħud minnu. Sewwa sew f'dan il-każ, ir-rikorrent m'għandux il-liċenzja ta' burdnar li qiegħed jgħid għandu. Kemm hu hekk, mal-atti tar-rikors huwa ma ppreżenta l-ebda kopja ta' din il-liċenzja. Darba għalhekk li r-rikorrent m'għandux liċenzja, huwa ma jistax jgħid li huwa ġie mčaħħad minnha jew li l-intimati fixkluh fit-tgawdija tagħha;

L-ewwel talba tar-rikorrent li kien hemm ksur tal-jedd tal-proprjetà tiegħu għalhekk ma tistax tiġi milqugħa;

7.Illi sa fejn l-ewwel talba tar-rikorrenti hija msejsa fuq l-artikolu 14 tal Konvenzjoni Ewropea, jingħad li r-rikorrent ma indikax fuq liema kawżali jew status huwa allegatament ġie diskriminat. Skont dan l-artikolu 14, it tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati fil-Konvenzjoni għandha tiġi żgurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess. razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assočjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status ieħor. Minn

din il-perspettiva, ma ġiex muri li l-allegat trattament diskriminatorju, kien imsejjes fuq xi kawżali ta' status, inkwantu karatteristika personali tiegħu. Għalhekk ġaladarba t-trattament divers imqanqal mir-rikorrent mhuwiex xprunat fuq l-ebda wieħed mill-kawżali li jinsab protett mill-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, isegwi li minn dan l-aspett. mistħarrig konvenzjonali ma jistax jiġi milqugħ,

8.Illi miżjud ma' dan, ir-rikorrent ma jipprovdi l-ebda ħjiel ma' min huwa allegatament ġie diskriminat. Jiġi b'hekk, li anke din it-tieni parti tal-ewwel talba mhijiex mistħoqqha u għandha tiġi miċħuda;

9.Illi esponenti jagħiqu billi jtennu li ladarba r-rikorrent ma seħħlux juri li ġarrab ksur kostituzzjonali jew konvenzjonali, kif mitluba fl-ewwel talba tiegħu, allura lanqas ma tista' tiġi milqugħa t-tieni talba tiegħu biex jingħata rimedju u kumpens fi flus;

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija l-esponenti umilment jitolbu lil din l - Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tiegħu.”

Rat semgħet ix-xhieda tal-partijiet imressqa fil-perkors ta’ dawn il-proċeduri.

Rat l-atti u dokumenti kollha.

Rat li fis-seduta tat-18 ta’ Mejju 2021 il-partijiet qablu li qabel ma din il-Qorti tikkonsidra l-mertu għandhom l-ewwel jiġu trattati u deċiżi it-tmien (8) eċċezzjoni tal-Awtorita’ intimata u t-tieni eċċezzjoni (2) tal-intimati Awtoritajiet.

Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet tal-partijiet dwar l-eċċezzjonijiet imsemmija.

Rat li l-proċeduri tħallew għall-lum għal Sentenza parzjali fuq l-eċċezzjonijiet imsemmija.

**<u>Punti ta’ fatti:</u>**

Ir-rikorrenti għandhom negozju ta’ burdnara (*haulers*). Dan in-negozju jeżerċitawh tarmite is-Soċjeta’ Freeways Logistics Ltd li hija ukoll parti għal dawn il-proċeduri. In-negozju jikkonsisti prinċipalment f’ġarr ta’ merkanzija mill-Ewropa għat-territorju ta’ Malta. Ir-rikorrenti jgħidu li għandhom liċenzja nazzjonali u internazzjonali biex joperaw dan ix-xogħol u dan skond regolament

numru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Ewropew tal-21 ta' Ottubru 2009. Ir-rikorrenti jkomplu jgħidu li ċirca sitt snin qabel ma ġew prestanti dawn il-proċeduri u preċiżament fis-17 ta' April 2014 ġew miżmuma milli jkomplu joperaw bħal burdnara fil-portijiet ta' Malta mid-Dipartiment tad-Dwana u kif ukoll mill-Awtorita' għat-Trasport ta' Malta, it-tnejn apparti f'din il-Kawża qua intimati. Dawn iż-żewġ Awtoritajiet qegħdin jirrifjutaw li joħorġu *number plates* bl-ittri HQ li jiddentifikaw il-vetturi għall-ġarr ta' merkanzija u dan skont kif tiddisponi il-Liġi Sussidjarja 386.02.

Minkejja diversi kommunikazzjonijiet li għaddew bejn ir-rikorrenti u uħud mill-intimati, sal-lum dawn il-pjanċi baqgħu ma inħarġux fost oħrajn bl-Awtorita' tat-Trasport Malta targumenta li riedet tkun rispettata l-użanza u konswetudni indipendentement minn dak li tgħid l-liġi. Ir-rikorrenti jinsistu li dan l-aġir huwa wieħed arbitrarju, illegali u abbużiv u b'konsegwenza qegħdin isoffru id-danni.

Għalhekk kellhom isiru dawn il-proċeduri.

**<u>Punti ta' Liġi:</u>**

Permezz tar-risposti tagħhom fuq imsemmija, l-intimati qegħdin iqanqlu l-kwistjoni kommunament magħrufa bħala in-nuqqas ta' eżawriment ta' rimedji ordinarji. Meta titqanqal kwistjoni bħal din dak li jkun qiegħed jiġri hu li l-parti sokkombenti għall-proċeduri tistieden li din il-Qorti sabiex tiddeklina milli tieħu konjizzjoni tal-azzjoni ta' natura kostituzzjonali konsistenti fi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Dan il-poter li tiddeklina huwa konferit lil din il-Qorti bis-saħħa tal-artikoli 46(2) u 4(2) tal-Kosituzzjoni u tal-Kap 319 tal-Malta. Dawn

iż-żewġ artikoli t-tnejn jirritjenu li *il-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta'rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra.*

Din hija setgħa tappartjeni lill-Qorti, tant li tista' saħansitra tqanqal kwistjoni bħal din minn jheddha anke jekk ma tkunx ġiet hekk imqanqla mill-partijiet għall-proċeduri. Il-Qorti trid tfakkar li l-proċeduri kostituzzjonali huma partikulari, eċċezzjonali u mhux ordinarji, kwalita' li sfortunatment f'dawn l-aħħar snin tnaqqret. Iżda biex il-Qorti tiddeklina milli teżerċita' is-setgħa li tagħtiha l-Kostituzzjoni u anke l-Konvenzjoni, il-pern tal-kwistjoni huwa marbut, mhux jekk hemmx rimedji ordinarji oħrajn **biss** iżda li dawn ir-rimedji jkunu tassew effettivi u effikaċi.

Ksur ta' dritt fundamentali mingħajr rimedju effettiv, ma hu xejn ħlief eżerċizzju tejoretiku li miegħu ma jġib ebda benefiċċju għal min qiegħed jfittex li jħares id-drittijiet fundamentali. Anzi din il-Qorti tażżarda saħansitra tgħid li jkun daħk fil-wiċċ. Dawn il-Qrati mhux l-ewwel darba li esprimew lilhom infushom fis-sens li ċertu rimedji ordinarji ma jilħqux l-iskop tagħhom għaliex ma jagħtux dan ir-rimedju effettiv u effikaċi.

Fil-każ tal-Konvenzjoni artikolu 35 jipprovdi ukoll għal din is-sitwazzjoni. Fis-**Sentenza tal-ECHR fl-ismijiet Micallef -vs- Malta tal-15 t'Ottubru 2009 Applikazzjoni numru 17056/06** dik il-Qorti qalet hekk f'dan ir-rigward:

"*In accordance with Article 35 § 1 of the Convention, the Court may only deal with an issue after all domestic remedies have been exhausted. The purpose*

*of this rule is to afford the Contracting States the opportunity of preventing or putting right the violations alleged against them before those allegations are submitted to the Court (see, among other authorities, Selmouni v. France [GC], no. 25803/94, § 74, ECHR 1999-V). Thus, the complaint submitted to the Court must first have been made to the appropriate national courts, at least in substance, in accordance with the formal requirements of domestic law and within the prescribed time-limits (see Zarb Adami v. Malta (dec.), no. 17209/02, 24 May 2005). However, the rule of exhaustion of domestic remedies requires an applicant to have normal recourse to remedies within the national legal system which are available and sufficient to afford redress in respect of the breaches alleged. The existence of the remedies in question must be sufficiently certain not only in theory but in practice, failing which they will lack the requisite accessibility and effectiveness. There is no obligation to have recourse to remedies which are inadequate or ineffective (see Raninen v. Finland, 16 Deceber1997, § 41, Reports of Judgments and Decisions 1997-VIII).***"*** (Emfażi ta; din il-Qorti).

Ir-*ratio legis* wara dan il-poter ta' diskrezzjoni li għandha l-Qorti biex tiddeklina li tisma' kawża Kostituzzjonali ġie kjarament spjegat fis-**Sentenza fl-ismijiet Tonio Vella -vs- Kummissarju Tal-Pulizija deċiża finalment mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' April, 1991**:

*"Il-legislatur kostituzzjonali kkonferixxa lil din il-Qorti (u lil ebda persuna jew awtorita` ohra) din id-diskrezzjoni wiesgha fl-interess ta' l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja biex mill-banda l-ohra tkun tista` twaqqaf, jekk ikun hemm bzonn anke hesrem, lil min jipprova jabbuza mill-process kostituzzjonali u mill-banda*

*l-ohra tkun tista' timpedixxi li jigu kreati ostakoli bla bzonn fit-triq ta' min ikun jidher li genwinament ikun qieghed ifittex ir-rimedju kostituzzjonali. Il-fattispeci u c-cirkostanzi partikolari kollha tal-kaz ghandhom jigu ezaminati ghaliex b'hekk biss il-Qorti tkun tista' tasal biex tiddeciedi jekk ikunx desiderabbli li tiddeklina illi tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha"*

**<u>Konsiderazzjonijiet:</u>**

Dak li qegħdin jippretendu l-intimati meta stiednu lil din il-Qorti biex tiddeklina milli tkompli tisma' dawn il-proċeduri huwa dan: ġaladraba r-rikorrenti kjarament qegħdin jaddebitawlhom għemil illegali u abbużiv, allura kellhom rimedju ordinarju taħt artikolu 469A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu tal-liġi jiddisponi li il-Qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi egħmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-egħmil null, invalidu jew mingħajr effett.

Il-Qorti ma għandhiex dubbju li dan ir-rimedju kien għad-dispożizzjoni tar-rikorrenti. Tajjeb jew ħażin dan ir-rimedju ma rrikorrewx għalih. Il-kweżit li jrid ikun indirizzat huwa jekk dak ir-rimedju kienx ser ikun wieħed effettiv u effikaċi fis-sens kif spjegat aktar 'l fuq. Fi ftit kliem x'kienu ser jakkwistaw ir-rikorrenti kieku pprevalew rwieħhom mir-rimedju li joffri l-artikolu 469A.

Fir-rigward ta' dan l-artikolu intqal hekk : "*The crucial question, however, is: In what circumstances and to what extent will the courts review the merits of the exercise of a statutory discretion which is neither made subject to appeal nor limited by the express provisions of a statute? <u>The courts have repeatedly affirmed their incapacity to substitute their own discretion for that of an authority</u>*

*<u>in which the discretion has been confided.</u>"* (**DeSmith & Evans fil-Judicial Review of Administrative Action , Fourth Edition – pag. 278).** (Emfażi ta' din il-Qorti). Dan it-tagħlim ġie segwit f'diversi Sentenzi ta, dawn il-Qrati u ġie saħansitra ribadit "*Illi l-kittieba awtorevoli f'dan il-qasam jghallmu li r-rwol ewlieni tal-Qrati fid-dritt amministrattiv huwa dak li jizguraw li ma tonqosx il-legalita' fl-ghemil mistharreg, izjed milli dak li jaraw li l-awtorita' mistharrga tkun iddecidiet sewwa. Id-distinzjoni, ghalkemm wahda fina, hija fondamentali u diga' giet milqugha mill-oghla Qrati taghna f'ghadd ta' okkazjonijiet*." (Ara **Sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet Chairman tal-kumpanija Public Broadcasting Services Limited et -vs- Awtorita` tax-Xandir** ).

Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar din il-vertenza. Eżaminat sewwa dak li setgħet tagħmel Qorti kieku kienet adita bis-saħħa tal-artikolu 469A. Li kieku r-rikorrenti aġixxew abbażi ta' dan l-artikolu, l-aktar li setgħu jottjenu hu li r-rifjut tal-Awtoritajiet intmati jew min minnhom kien li jiġi jbiddel l-ordni (abbażi tal-proviso tas-subartikolu 2 ta' dan l-artikolu bid-definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi att amministrattiv). Il-Qorti ma tistax tagħti rimedji oħra ħlief fil-każijiet ristretti fejn tista' tagħti danni. Imma dak li jridu r-rikorrenti huwa li joperaw bħala burdnara kif spjegat. Aktar minn hekk l-kumpens li jista` jingħata fi proċediment ta` natura kostituzzjonali mhuwiex ekwivalenti għad-danni ċivili li jiġu likwidati mill-qrati ordinarji (ara **Sentenzi fl-ismijiet Philip Grech pro et noe -vs- Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali et deċiża fis-17 ta` Diċembru 2010 ; Victor Gatt et--vs- Avukat Ġenerali et deċiża fil-5 ta` Lulju 2011** u **Ian Peter Ellis et -vs-Avukat Ġenerali et , deċiża fl-24 ta` Ġunju 2016**).

Dan ifisser, li x-xorta ta' danni li l-kieku stess jistgħu jingħataw taħt artikolu 469A, ma humiex l-istess bħal dawk li jiġu akkordati f'azzjoni kostituzzjonali.

L-intimati ma għandhomx biss l-oneru li jikkonvinċu lil din il-Qorti li r-rikorrenti kellhom disponibbli r-rimedju previst bl-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Iżda kif diġa' aċċennat aktar iridu ukoll jikkonvinċu li dan ir-rimedju huwa xieraq. Iġifieri li dan huwa rimedju mhux biss aċċessibbli imma effettiv, effikaċi u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid tal-ksur. M'hemmx għalfejn li biex jitqies bħala effettiv jintwera li joffri suċċess garantit. Ikun biżżejjed li r-rimedju huwa wieħed li jista' jkun segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi. Għalhekk l-eżistenza li tassew ikun (jew kien) hemm rimedju alternattiv xieraq trid tintwera mill-intimati għaliex fuqhom jaqa' l-piż tal-prova biex jikkonvinċu lil din il-Qorti biex tagħżel li ma teżerċitax is-setgħat tagħha biex tisma' l-kawża. (Ara **Sentenza tat-30 ta' Ġunju 2005, fl-ismijiet Tretyak -vs- Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs26 konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar 2006**).

F'każijiet bħal dak li għandha quddiemha din il-Qorti, il-proċeduri istitwiti mir-rikorrenti għandhom l-għan li jindirizzaw il-ksur tad-dritt fundamentali billi kemm jista' jkun ipoġġuhom f'pożizzjoni daqs li kieku dak il-ksur qatt ma seħħ. Fi ftit kliem, il-persuna tiġi rientigrata fil-pożizzjoni li kienet fil-mument qabel ma seħħ il-ksur. (Ara fost oħrajn **Sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet Vica Limited -vs- Kummissarju tal-Artijiet et , deċiża fit-3 ta' Frar 2012**). F'dan il-każ, jekk dejjem għandhom raġun fil-mertu, il-Qorti trid tara meta kellu jingħatalhom d-dritt li r-rikorrenti jippretendu li huwa tagħhom bi dritt. Din il-Qorti ser tkun qed

tikkonstata jekk dak li qegħdin jallegaw ir-rikorrenti tassew jilledix id-drittijiet fundamentali tagħhom biss iżda tagħti ukoll dawk il-provvedimenti kollha opportuni sabiex iġġib fit-tmiem tiegħu dan il-ksur. L-aħħar rimedju huwa l-aktar wieħed importanti, rimedju li taħt artikolu 469A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta ma jeżistix. Li rimedju jkun effettiv tant huwa importanti li l-Konvenzjoni tqiesu bħala dritt għalih taħt artikolu 13 li jipprovdi hekk:

*Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali.*

Il-Qorti taqbel ma l-pożizzjoni li l-fatt li r-rikorrent ma jkunx għamel użu minn rimedju li setgħa kellu, imma dan waħdu ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li m'għandiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk ir-rimedju li toffri liġi ordinarja jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi jressaq r-rikorrent. Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti dak li qed jippretendu r-rikorrenti u ċioe' dik li tinħarġilhom pjanċa HQ bħala burdnara, ma tistax għar-raġunijiet fuq spjegati tkun sodisfatta taħt artikolu 469A tal-Kap 12 tal-liġijiet. F'każ li din il-Qorti ssib li r-rikorrenti għandha raġun, fost l-ordnijiet li tista' tagħti hija dik li tinħareg din il-pjanċa. Taħt l-artikolu 469A ordni bħal din ma tistax tingħata. Jekk qatt, taħt artikolu 469A l-pretensjonijiet tar-rikorrenti jistgħu ikunu biss sodisfatti parzjalment. Billi tkun annullata d-deċiżjoni tal-Awtorita' b'daqshekk ma jfissirx li bil-fors ser tinħareġ pjanċa HQ.

(Ara **Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Marzu, 1994, fl-ismijiet Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine**).

Kif ġie rilevat f'ġudikati oħra, ir-rimedju taħt l-Artikolu 469A taħt ċerti aspetti huwa wieħed limitat, waqt li l-Qorti adita kostituzzjonalment ma għandha ebda limitu fl-għażla tar-rimedju xieraq li tista' takkorda.(Ara **Sentenza fl-ismijiet Emmanuel Ciantar -vs- Kummissarju tal-Pulizija, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Novembru 2001**).

Kwantu għall-eċċezzjoni numru 8 tal-Awtorita' għat-Transport Malta li apparti r-rimedju taħt artikolu 469A, ir-rikorrenti kellhom ukoll dak taħt artikolu 40 tal-Kap 499 tal-liġijiet ta' Malta, il-Qorti tagħmel referenza għad-digriet tat-**Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva tat-3 ta' Ottubru 2017 fl-ismijiet 3 Way Limited et -vs- L-Awtorita' ta' Transport Malta et**.

F'dawk il-proċeduri b'ilmenti simili għal dawk li għandha quddiemha din il-Qorti tant li fihom anke xehed ir-rikorrent Joseph Emmanuel Farruġia, dak it-Tribunal iddikjara li ma kienx kompetenti u għalhekk irrimetta l-atti lill-Prim Awla Qorti Ċivili. Għalhekk rimedju taħt dik il-liġi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ma hux possibbli.

**<u>Decide:</u>**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi il-vertenza li għandha quddiemha bil-mod segwenti:

**Tiċħad** l-eċċezzjoni numru tmienja (8) tal-Awtorita' għat-Transport Malta .

**Tiċħad** l-eċċezzjoni numru tnejn (2) tal-Awtoritajiet intimati l-oħrajn.

**Spejjeż** ta' dan l-episodju a' karigu tal-intimati kollha. Il-Qorti ser tkun qed tordna għalhekk il-prosegwiment fil-kawża.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat reġistratur**